# Il-Ħadd 26.07.2020

1. Illum 26/07: ***Jum l-Ewwel Tqarbina***
   - Fl-09:50am - It-tfal flimkien mal-ġenituri jinġabru fil-fetħa ta' quddiem il-Kappella ta' Santa Marija fejn jitteħdulhom xi ritratti u mbagħad nimxu lejn il-knisja.
   - Fl-10:30am - Tibda l-Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina. *Infakkar li jistgħu jattendu biss il-familja u xi qraba.*

2. Il-Ħadd 02/08**:**
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

3. Avviżi oħra:
   - Il-Kap tal-Iskola Primarja ta' Ħal Safi terġa tfakkar lil dawk il-ġenituri li joqgħodu Ħal Safi u li għandhom it-tfal li twieldu fis-sena 2017, u bejn Jannar u April tal-2018, biex jiktbuhom għall-klassijiet tal-Kindergarten kemm jista' jkun malajr.
   - Qed jiftħu applikazzjonijiet għall-Korsijiet offruti mill-Fakultà tat-Teoloġija fi ħdan l-Università ta' Malta fuq livelli ta' Diploma, Baċellerat, u Masters. Min hu interessat jista' jikseb aktar informazzjoni fuq theology@um.edu.mt jew fuq 2302767, u jista' wkoll japplika għal boroż ta' studju offruti mill-Fondazzjoni għall-Istudji Teoloġiċi: www.um.edu.mt/theology/bursaries.
   - Bi preparazzjoni għall-festa tistgħu tordnaw ritratti li juru l-istatwa titulari ta' San Pawl restawrata. Aktar dettalji mis-Sagristija jew l-Uffiċċju Parrokkjali.
     *Prezzijiet:- Ritratt bil-Frame - Żgħir € 60; Kbir - € 110*
   - B'risq il-manutenzjoni tal-knisja, ser inkunu qed inbiegħu biljetti ta' Lotterija li min jitla' jista' jirbaħ inkwadru minnhom ukoll.
   - Għal jum tal-festa, bħas-snin ta' qabel, nixtiequ nagħmlu wkoll il-***bukkett li ma jinxifx***, jiġifieri li jkollna persuni li jagħtu offerta li mhux biss issebbaħ imma li tibqa' titgawda wkoll; din is-sena, dan il-bukkett li ma jinxifx ser imur b'risq id-dawl tan-niċeċ ta' San Pawl u d-Duluri, it-tiswija tal-lanterna tal-knisja - minn ġewwa u minn barra, is-saqaf tal-knisja, u t-tkomplija tar-restawr tal-gandlieri ta' kuljum. Inħalli f'idejn il-ġenerożità tagħkom biex dawn l-inizjattivi nwettquhom.
   - Mit-Tnejn li ġej (27/07) sas-Sibt (01/08), l-Uffiċċju Parrokkjali ser ikun magħluq.

4. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 200 bħala ġabra tal-Quddies tal-Ħadd li għadda.
   - € 150 bħala donazzjoni għall-manutenzjoni tal-knisja.
   - € 330 bħala donazzjonijiet b'risq il-Festa u l-Karità.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.